

- 4) Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/[KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku], li, meta jsemmi l-livelli ta' tassazzjoni li l-Istati Membri għandhom japplikaw għall-prodotti tal-enerġija u għall-elettriku, jieħu bħala riferiment il-livelli minimi previsti mid-Direttiva, mifhuma bħala l-ammont totali tat-taxxi diretti u indiretti kollha imposti fuq dawn il-prodotti meta jitqiegħdu għall-konsum, għandu jitqies li dan l-ammont għandu jwassal għall-esklużjoni, mil-livell ta' tassazzjoni rikjest mid-Direttiva, tat-taxxi nazzjonali li ma għandhomx natura verament mhux fiskali fid-dawl tal-istruttura u tal-iskop speċifiku tagħhom, kif interpretat mir-risposta mogħtija għad-domanda preċedenti?
- 5) It-terminu "tariffi" użat fl-Artikolu 13(1)(e) tad-Direttiva 2009/28 huwa kunċett awtonomu tad-dritt Ewropew li għandu jiġi interpretat f'sens usa', bħala li jinkludi u huwa sinonimu tal-kunċett ta' taxxa ġenerali?
- 6) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti tkun affermativa, it-tariffi li għandhom jitħallsu mill-konsumaturi msemmija fl-Artikolu 13(1)(e) tad-Direttiva 2009/28 jistgħu jinkludu biss it-taxxi jew impożizzjonijiet fiskali maħsuba sabiex jikkompensaw, jekk ikun il-każ, id-danni kkawżati mill-effett [tal-installazzjonijiet eoliċi] fuq l-ambjent u li jippruvaw jagħmlu tajjeb, bl-ammont irċevut, għad-danni marbuta ma' tali preġudizzju jew effett negattiv, bl-esklużjoni tat-taxxi jew tal-benefiċċji li, sa fejn ikunu imposti fuq enerġija li ma tniġġisx, għandhom skop essenzjalment baġitarju jew ta' ġenerazzjoni ta' dħul?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (Spanja) fit-18 ta' April 2016 – Energías Eólicas de Cuenca S.A. vs Comisión Superior de Hacienda de la Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha

(Kawża C-216/16)

(2016/C 243/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha, Sala Contencioso-Administrativo, Sección Segunda

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Energías Eólicas de Cuenca S.A.

Konvenuta: Comisión Superior de Hacienda de la Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha

Domandi preliminari

- 1) Peress li l-"iskemi ta' sostenn" kif iddefiniti fl-Artikolu 2(k) tad-Direttiva 2009/28/[KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE], u fosthom l-inċentivi fiskali bħalma huma t-tnaqqis tat-taxxa, l-eżenzjonijiet u r-rimborsi tat-taxxa, huma mfasla bħala strumenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' konsum tal-enerġija rinnovabbli previsti f'din id-direttiva, għandu jitqies li l-inċentivi jew il-miżuri msemmija għandhom natura vinkolanti u jorbtu lill-Istati Membri, b'effett dirett sa fejn dawn jistgħu jiġu invokati mill-individwi affettwati quddiem kwalunkwe tip ta' istanzi pubbliċi, ġudizzjarji u amministrattivi?
- 2) Il-frażi "iżda mhuwiex limitat biss" li tinsab fl-eleku, fost l-"iskemi ta' sostenn" imsemmija fid-domanda preċedenti, ta' inċentivi fiskali li jikkonsistu fi tnaqqis tat-taxxa, l-eżenzjonijiet u rimborsi ta' taxxa, tfisser li għandu jitqies li n-nuqqas ta' tassazzjoni għandu jingħadd fost dawn l-inċentivi, jiġifieri l-projbizzjoni ta' kull tip ta' impożizzjoni speċifika u partikolari, li tiżdied mat-taxxi ġenerali imposti fuq l-attività ekonomika u l-produzzjoni tal-elettriku, miżmuma fuq l-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli? Bl-istess mod, għandu jitqies li l-projbizzjoni ġenerali ċċitata iktar 'il fuq tinkludi l-projbizzjoni ta' taxxa doppja, ta' kumulju jew ta' sovrappożizzjoni ta' diversi taxxi ġenerali jew speċifiċi imposti fuq fażijiet differenti tal-attività ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għandhom impatt fuq l-istess fatt taxxabli intaxxat bit-tariffa eolika inkwistjoni?

- 3) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti tkun negattiva u jekk it-tassazzjoni tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli hija aċċettata, għall-finijiet tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE], il-kunċett ta' "finijiet speċifiċi" għandu jiġi interpretat fis-sens li l-għan imfittex għandu jkun esklużiv u li, barra minn hekk, it-taxxa imposta fuq l-enerġija rinnovabbli għandha jkollha, mill-perspettiva tal-istruttura tagħha, natura verament mhux fiskali u mhux semplicitment baġitarja jew ta' ġbir ta' dħul?
- 4) Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku], li, meta jsemmi l-livelli ta' tassazzjoni li l-Istati Membri għandhom japplikaw għall-prodotti tal-enerġija u għall-elettriku, jieħu bħala riferiment il-livelli minimi previsti mid-Direttiva, mifhuma bħala l-ammont totali tat-taxxi diretti u indiretti kollha imposti fuq dawn il-prodotti meta jitqiegħdu għall-konsum, għandu jitqies li dan l-ammont għandu jwassal għall-esklużjoni, mil-livell ta' tassazzjoni rikjest mid-Direttiva, tat-taxxi nazzjonali li ma għandhomx natura verament mhux fiskali fid-dawl tal-istruttura u tal-iskop speċifiku tagħhom, kif interpretat mir-risposta mogħtija għad-domanda preċedenti?
- 5) It-terminu "tariffi" użat fl-Artikolu 13(1)(e) tad-Direttiva 2009/28 huwa kunċett awtonomu tad-dritt Ewropew li għandu jiġi interpretat f'sens usa', bħala li jinkludi u huwa sinonimu tal-kunċett ta' taxxa ġenerali?
- 6) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti tkun affermattiva, it-tariffi li għandhom jitħallsu mill-konsumaturi msemmija fl-Artikolu 13(1)(e) tad-Direttiva 2009/28 jistgħu jinkludu biss it-taxxi jew impożizzjonijiet fiskali maħsuba sabiex jikkompensaw, jekk ikun il-każ, id-danni kkawżati mill-effett [tal-installazzjonijiet eoliċi] fuq l-ambjent u li jippruvaw jagħmlu tajjeb, bl-ammont irċevut, għad-danni marbuta ma' tali preġudizzju jew effett negattiv, bl-esklużjoni tat-taxxi jew tal-benefiċċji li, sa fejn ikunu imposti fuq enerġija li ma tniġġisx, għandhom skop essenzjalment baġitarju jew ta' ġenerazzjoni ta' dħul?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha
(Spanja) fl-20 ta' April 2016 – Iberenova Promociones S.A.U. vs Comisión Superior de Hacienda de la
Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha**

(Kawża C-220/16)

(2016/C 243/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha, Sala Contencioso-Administrativo, Sección Segunda

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Iberenova Promociones S.A.U.

Konvenuta: Comisión Superior de Hacienda de la Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha

Domandi preliminari

- 1) Peress li l-"iskemi ta' sostenn" kif iddefiniti fl-Artikolu 2(k) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE], u fosthom l-inċentivi fiskali bħalma huma t-tnaqqis tat-taxxa, l-eżenzjonijiet u r-rimborsi tat-taxxa, huma mfassla bħala strumenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' konsum tal-enerġija rinnovabbli previsti f'din id-direttiva, għandu jitqies li l-inċentivi jew il-miżuri msemmija għandhom natura vinkolanti u jorbtu lill-Istati Membri, b'effett dirett sa fejn dawn jistgħu jiġu invokati mill-individwi affettwati quddiem kwalunkwe tip ta' istanzi pubbliċi, ġudizzjarji u amministrattivi?